# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 4 ta' Dicembru 2001**

**Avviz. numru 329/01**

**Numru 31**

**Middle Sea Insurance Plc, kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Mary Carmen Camilleri**

**vs**

**Marlene Falzon**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talbiet tas-socjeta' attrici fil-kwalita' taghha premessa ghall-kundanna tal-konvenuta sabiex tghid ghaliex:

1. tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fid-29 ta' Novembru 1999 fil-Hamrun meta l-konvenut waqt li kienet qed isuq il-vettura Nru LAU 402 imhabba negligenza, imprudenza u ksur

tar-Regolamenti tat-Traffiku habtet mal-vettura numru DAT 752 propjeta ta' Mary Carmen Camilleri, u ikkagunat hsarat konsiderevoli f'din il-vettura.

2. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici fl-ammont ta' mitejn u sitta u sebghin Lira Maltin u centezmu (Lm276.01) jew somma ohra verjuri okkorendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-konsult (Lm15.00) ta' Ittra Ufficjali tas-6 ta' April 2000 u ta' Ittra Ufficjali ohra ippresentata mal-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra l-istess konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici fil-kwalita' taghha premessa sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess talbiet jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fis-26 ta' Novembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u

lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif dedotti mill-avviz u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici fil-kwalita' taghha premessa s-somma ta' Lm276.01,0 bl-imghax legali mis-6 ta' April 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi Lm15.00,0 ta' konsult kif ukoll dawk tal-ittri ufficjali tas-6 ta' April 2000 u tal-17 ta' April 2001 imsemmija fl-avviz.

Alan Calleja
Deputat Registratur